**A.L. 136 tal-2010**

## ATT DWAR L-IMPIEGI U R-RELAZZJONIJIET INDUSTRIJALI (KAP. 452)

### Ordni tal-2010 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Prodotti tal-Karta, *Plastics*, Kimiċi u *Petroleum* biex Jirregola l-Pagi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 4 u 48(2) tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dan l-ordni huwa Ordni tal-2010 li jemenda l-Ordni tal-Kunsill tal-Pagi għall-Prodotti tal-Karta, *Plastics*, Kimiċi u *Petroleum* li Jirregola l-Pagi u għandu jinqara u jinftiehem bħala ħaġa waħda ma' l-Ordni tal-1973 tal-Kunsill tal-Pagi għall-Prodotti tal-Karta, *Plastics*, Kimiċi u *Petroleum* li Jirregola l-Pagi, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

A.L. 97 tal-1973.

Jemenda l-Iskeda ma' l-ordni prinċipali.

**2.** Fl-Iskeda li tinsab ma' l-ordni prinċipali:

(a) f'paragrafu 1 tagħha:

(i) minflok it-tifsira "impjegat *part-time*" għandha tidħol din li ġejja:

" "impjegat *part-time*" tfisser impjegat li s-sigħat normali tax-xogħol tiegħu, kalkolati fuq bażi ta' ġimgħa jew fuq medja tul perjodu ta' impieg sa sena, huma inqas mis-sigħat normali tax-xogħol ta' impjegat *whole-time* komparabbli u li ma jkunx impjegat *whole-time* b'sigħat imnaqqsa;"; u

(ii) minflok it-tifsira "impjegat *whole-time*" għandha tidħol din li ġejja:

" "impjegat *whole-time*" tfisser impjegat li hu meqjus bħala impjegat *whole-time* skont xi kondizzjonijiet magħrufin tal-impieg."; u

(b) minflok paragrafu 10 tiegħu għandu jidħol dan li ġej;

"10. (1) Wara servizz kontinwu ta' sitt xhur, impjegat *whole-time* għandu jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' sitt ġranet *leave* għall-mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati *part-time* għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-*leave* għall-mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u dak l-ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*:

Kap. 318.

Iżda -

(a) l-ewwel tlett ijiem ta' kull talba għal-*leave* tal-mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) ċertifikat mediku li jkopri l-perjodu tal-assenza għandu jiġi ppreżentat lill-prinċipal fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk dak il-perjodu ta' assenza jaqbeż sebat ijiem, fi żmien sebat ijiem mill-bidu tal-assenza minħabba *leave* għall-mard;

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-iskop ta' kalkolu ta' ħlas tal-*leave* għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(2) Impjegat *whole-time* għandu f'kull sena kalendarja wara servizz kontinwu ta' sena jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tnax-il ġurnata *leave* għall-

mard b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati *part-time* għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-*leave* għall-mard f'sigħat b'paga sħiħa, nieqes ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u dak l-ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*:

Iżda –

(a) l-ewwel tlett ijiem ta' kull talba għal-*leave* tal-mard għandhom jitħallsu interament mill-prinċipal;

(b) ċertifikat mediku li jkopri l-perjodu tal-assenza għandu jiġi ppreżentat lill-prinċipal fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk dak il-perjodu ta' assenza jaqbeż sebat ijiem, fi żmien sebat ijiem mill-bidu tal-assenza minħabba *leave* għall-mard;

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-iskop ta' kalkolu ta' ħlas tal-*leave* għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għas-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(3) Impjegat *whole-time* għandu f'kull sena kalendarja wara servizz kontinwu ta' sena jkun intitolat għall-ekwivalenti f'sigħat ta' tnax-il ġurnata oħra *leave* għall-mard b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għal nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u impjegati *part-time* għandu jkollhom dritt *pro rata* għal-*leave* tal-mard f'sigħat b'nofs paga, nieqes ammont ugwali għan-nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, u dak l-ammont għandu wkoll jiġi kalkulat fuq bażi *pro rata*;

Iżda –

(a) l-ewwel tlett ijiem ta' kwalunkwe talba għal-*leave* tal-mard għandhom jitħallsu b'nofs paga mill-prinċipal;

(b) ċertifikat mediku li jkopri l-perjodu tal-assenza għandu jiġi ppreżentat lill-prinċipal fil-ġurnata tar-ritorn lura għax-xogħol jew, jekk it-tali perjodu ta' assenza jaqbeż sebat ijiem, fi żmien sebat ijiem mill-bidu tal-assenza minħabba *leave* għall-mard;

(ċ) impjegati li jirċievu pensjoni tas-sigurtà soċjali fir-rigward ta' irtirar jew benefiċċju tar-romol skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali għandhom, għall-iskop ta' kalkulazzjoni ta' ħlas tal-*leave* għall-mard dovut, jitqiesu li rċevew ammont ugwali għan-nofs is-somma stabbilita bħala dritt tal-benefiċċju għall-mard bir-rata stabbilita taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

(4) Mingħajr preġudizzju għas-subparagrafi (2) u (3), jekk impjegat *whole-time* ikun qed ibati minn marda li titwal għal perjodu kontinwu ta' aktar minn ħmistax-il ġurnata, l-perjodu tal-*leave* għall-mard permess lilu għandu għal dik is-sena kalendarja jiġi estiż għall-ekwivalenti f'sigħat ta' ħmistax-il jum *leave* għall-mard b'paga sħiħa, li jiġi segwit bl-ekwivalenti f'sigħat ta' ħmistax il-jum *leave* għall-mard b'nofs paga, dan il-*leave* għandu jitħallas skont is-subparagrafi (2) u (3) rispettivament.

Iżda impjegati *part-time* għandhom ikollhom dritt *pro rata* għal dan il-*leave* għall-mard estiż f'sigħat, u dan il-*leave* għandu jitħallas skont is-subparagrafi (2) u (3) rispettivament.

(5) Il-prinċipal jista' jitlob ċertifikat mediku maħruġ mit-tabib tiegħu li jiċċertifika inkapaċità għax-xogħol matul il-perjodu ta' assenza.

(6) Id-dritt ta' *leave* għall-mard mogħti bis-saħħa ta' dan il-paragrafu għandu jiġi kkalkolat fuq il-bażi provduta għal-*leave* annwali kif speċifikata fir-regolament 8(1) tar-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol.".

A.L. 247 tal-2003.